

# Snajja Tradizzjonali Għawdxin – Il-Biedja 1

✍ Victor Grech

Meta nħarsu lejn il-ħajja tal-antenati tagħna u nistħarrġu kif kienu jgħixu, jaħsbu u jaħdmu, inkunu qegħdin nistudjaw u nanalizzaw l-għeruq tagħna biex inkunu nistgħu nifhmu aħjar lilna nfusna. Wara kollox aħna prodott ta' missirijietna. Il-preżent huwa frott tal-passat. Jixraq ukoll nitgħallmu kemm ħadmu b'imħabba, b'għaqal u b'sagrifiċċju missirijietna u kemm ħadmu b'moħħhom ħalli jdejhom jirrendu l-aħjar riżultati.

Fl-antik qabel ma daħlu l-industrijalizazzjoni u iktar tard is-servizzi, l-ekonomija Għawdxija kienet iddur fuq il-biedja u l-biċċa l-kbira tas-snajja' u tan-negozji ż-żgħar. Kienu marbuta sfiq mal-biedja u kellhom l-għan li jipprovdu oġġetti, għodda u servizzi ta' użu għall-komunità agrikola.

Il-bennejja kienu jużaw kantuni maqtugħin mill-barrieri biex jibnu l-irziezet. Il-kantuni kienu jinqatgħu mill-blat bil-baqqun, spnajjar jew mazza mill-baqquniera li kienu anki jaqtgħu kanali u ħwat għat-tisqija. Oħrajn kienu jaqtgħu spejjer, bjar u ġibjuni għall-ħażna tal-ilma. Kien hawn nies oħrajn mħarrġin fil-bini ta' ħitan tas-sejjieħ.





Ir-razzett kien ikun mqassam f'bitħa mdawra bl-imqawel għall-baqar, nagħaġ u mogħoż, griebeġ għall-ħnieżer u stalel għaż-żiemel, ħmar jew bagħal. Kont issib il-bir għall-ħażna tal-ilma u ħarriġiet ħalli jpoġġu qsari bi ħxejjex aromatiċi fuqhom ħalli ma jintlaħqux. Il-karrettun kien jinżamm fir-remissa flimkien mal-għodod bħalma hu l-moħriet, mgħażaq, furkettuni u oħrajn.

Kien ikun hemm kamra tal-ġbejniet. X'aktarx il-mara kienet tieħu ħsieb din l-industrija tad-dar. Kien hemm nies tas-sengħa li jagħmlu l-qwieleb mill-qasab tas-simar f'forom differenti. Il-ġbejniet kienu jsiru billi jitfgħu l-ħalib mill-brajma għal ġol-borma fejn jissaħħan. Iżidulu l-qtar mit-tames ta' ħaruf sa xħin isir baqta. Imbagħad jitpoġġa fil-qwieleb. Kienu jinbiegħu bħala ġbejniet friski jew inixxfuhom fuq qanniċ u jżidulhom is-salmura u l-bżar ħa jagħmluhom ġbejniet tal-bżar.

Industrija oħra li kienet issir id-dar kienet il-ġiżż tan-nagħaġ. Dak kien isir min-nies apposta tal-mestier jew mill-bidwi u l-mara tiegħu stess. Kienu jużaw ġelem (bħal imqass) kbir biex iġiżżu s-suf tan-nagħaġ. Is-suf kien jinbiegħ lin-nissieġa.





Il-bejt tar-razzett kien isir minn dawk mħarrġin biex jagħmlu bjut tad-deffun li kien isir minn bċejjeċ taċ-ċaqquf mfarrkin. Iċ-ċaqquf mfarrak bid-deffuna kien jiksi l-wiċċ tal-bejt biex ma jidħolx ilma wara x-xorok kienu jitpoġġew fuq il-ħnejjiet jew travi.





Il-fuħħar kien jintuża biex jagħmlu d-diversi kontenituri li kellha bżonn il-familja tal-bidwi. Kienu jużaw ir-rota tal-fuħħar, qoffa u biċċa njama ħa jsiru d-disinni biha u forn fejn jinħmew l-oġġetti li jsiru. Kien jintuża tafal niexef kemm jista' jkun. Dan kien jintaħan u jintgħarbel u jżidulu l-ilma ħalli jinħadem.



Il-karrettuni tant importanti għall-biedja kienu saru mill-karrettunara waqt li ċ-ċrieki tar-roti tal-karrettuni kienu magħmulin minn ħaddied tal-poġġamani. Oġġetti oħra użati mill-bdiewa kienu l-ħbula. Dawn kienu jagħmluhom il-kudara. Il-kudara kienu jużaw ir-raddiena, il-kavaletti li fuqhom kienu jpoġġu l-ħajt u għodod oħra. Il-bdiewa kienu jużaw il-biqa, ħabel b'ingassa, biex jorbtu l-baqar, is-siegla biex jorbtu l-prodotti fuq il-karrettun u l-iskamplu biex jorbtu l-bramel ħa jtellgħuhom mill-bir. Sengħa oħra kienet dik tas-sellara li kienu jagħmlu l-barda jew sidil fuq dahar iż-żiemel u l-ilġiem. Għall-bhejjem tat-tagħbija kienu jużaw xedd.

